# SEEING THE WORLD THROUGH NATURE

## SCHOOL WORK SHEETS

## BLOCK 3:

# X'JIEKLU L-GĦASAFAR





Seeing the world through nature

## Download the project's app

To complete some of the tasks outlined in the school work sheets you will need our special smartphone app. To download this app, please go to the online app store (App Store for iOS or Google Play for Android) and enter the name "Meet the Birds" in the search field.

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union



# BLOCK 3
# X'JIEKLU L-GĦASAFAR?

**Ftit informazzjoni bażika:** Il-kuntest: Dendel bird feeder mal-ħajt tal-klassi, fuqu poġġi illustrazzjonijiet u/jew tactile models ta' għasafar u l-ikel li jieklu. Sib post fejn se jiġi stivat l-ikel tal-għasafar.

| **ID-DETTALJI TAL-PROBLEMA** | **L-ambjent ta' madwarna huwa tajjeb biex l-għasafar isibu x'jieklu? Xi pjanta għandna nipprovdu għall-għasafar tal-ġnien?** | **X'tip ta' ikel nistgħu nipprovdu għall-għasafar fix-xitwa? X'ikel m'għandna qatt intuhom? Kif tipprepara u tpoġġi bird feeders?** | **X'għasafar qed iżuru l-feeder? X'għasafar ġew Malta għax-xitwa?** |
|---|---|---|---|
| **Attivitatjiet għal barra** | Jekk qatt ma kellek okkażjoni tagħmel dan qabel, iċċekkja jekk fejn toqgħod jew il-ġnien humiex bird friendly. Uża l-Observation Card minn Blokka 5.<br><br>Waqt il-fijlwork, osserva l-għasafar u l-imġieba tagħhom. Forsi tista' tara kif ifittxu l-ikel. Ħu inventarju ta' pjanti li jistgħu jipprovdu ikel fil-ħarifa u fix-xitwa.<br><br>Uża l-observation card **(S3/A/1),** jew ippreparaha mat-tfal b'materjali li ssib fuq l-internet.<br>Ippjana u iżra pjanti ġodda. | Wasal il-ħin li tipprepara l-feeders **(S3/B/1)** u tippjana kif se jitqassmu fil-ġnien. Tistennix sax-xitwa biex toħroġ l-ikel. L-għasafar iridu jidraw il-postijiet minn fejn dejjem jsitgħu jserrħu rashom li se jsibu x'jieklu. | Poġġi l-feeders f'postijiet li jidhru sew mit-twieqi biex b'hekk tkun tista' tosserva tajjeb.<br><br>Ara t-tabella, **(S3/C/1)** l-iktar għasafar komuni li ssib huma elenkati hemmhekk – tgħallem għarafhom.<br><br>Żur postijiet fejn l-għasafar iqattgħu x-xitwa bħal ġonna u riservi naturali. Tul il-mawra, osserva u pprova isma l-għasafar – innota x'jagħmlu u kif iġibu ruħhom. |
| **Osservazzjonijet u esperimenti li jistgħu jsiru ġewwa** | | Ikel għall-għasafar – ipprepara armajru fejn tistiva l-ikel tal-għasafar **(S3/B/2)**.<br><br>Iġbor prodotti varji li minnhom jistgħu jieklu l-għasafar fix-xitwa **(S3/B/3)**. Ħares lejhom sewwa u/jew ħosshom. Ara kemm huma kbar u kemm huma ibsin. Żomm f'moħħok l-għamla tal-munqar tal-għasafar u kif dawn se jaffetwawhom huma u jieklu. | Jekk tipprovdi l-ikel adattat għall-għasafar se tkun tista' tosserva l-apparenza, il-preferenzi u l-imġieba ta' sħabna l-għasafar. |
| **Attivitajiet artistiċi** | Ħalli t-tfal jużaw l-għarfien li ġabru mill-osservazzjonijiet li għamlu meta kienu barra. Iddisinja ġnien li huwa bird friendly. | Għin l-għasafar isibu ikel delizzjuż **(S3/B/4)** – qabbel is-silhouttes tal-għasafar mal-ikel adattat għalihom. | Ipprepara album b'ritratti tal-għasafar kollha li jżuru l-feeder tiegħek. Iġbor ritratti, tpenġijiet u deskrizzjonijiet. |

*Continued next page....*

Erasmus+

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Opportunità għat-tagħlim fil-lingwa** | Ikteb jew pinġi talba biex is-surmast/is-sinjora jixtru pjanti li jipprovdu ikel adattat għall-għasafar. | Ara x'ikel għandek. **(S3/B/4)**. Agħżel biss dawk li minnhom jieklu l-għasafar. | |
| **Opportunità għat-tagħlim fil-Matematika** | Iddisinja ġnien li fih ħafna frott li l-għasafar jogħxew jieklu.<br><br>Irrepeti l-ismijiet tas-siġar u arbuxelli u kunċetti ta' parallel, in a row, equally spaced planting, kif ukoll adding u dividing tal-ispazji. | Iżen l-ikel tal-għasafar. | Ipprepara puzzles tat-tfal silhouettes tal-għasafar – itlob lill-istudenti jirranġawhom u jidentifikawhom.<br><br>Fuq il-bord, waħħal tpenġija tal-feeder flimkien ma' xi għasafar, inkludi speċi li ma jidhrux fiż-żona tiegħek bħad-Daqquqa Kaħla. |
| **Logħob u kompetizzjonijiet** | Ilgħab din il-logħba biex tgħin lit-tfal jiskopru xi kunċetti u biex jużaw dak li tgħallmu s'issa - **(S3/A/3)**. | | Oħloq Shadow theatre fejn l-atturi jkunu silhouettes tal-għasafar mill-feeder li tkun qed tosserva. |

# INFITTXU L-IKEL FAVORIT TAL-GĦASFUR

**Linji Gwida għall-għalliema:** L-għasafar jħobb jiekol frott u żrieragħ tal-pjanti. Spjega lill-istudenti kif dawn jipprovdu ikel nutrittiv u mimli enerġija li jagħmilhom perfetti għall-ħafna speċi ta' għasafar.

Ħeġġeġ lit-tfal jaħsbu għalfejn hemm pjanti li jipproduċu frott biex jikluhom l-għasafar u għal xejn iktar. Wara d-diskussjoni, spjega kif il-pjanti jipproduċu frott biż-żerriegħa. Dan il-frott ikollu kuluri jgħajjtu li jiġbdu l-attenzjoni tal-għasafar. Dan il-frott jittiekel mill-għasafar u annimali oħra u b'hekk iż-żerriegħa tinfirex.

Qabel din il-lezzjoni, esplora l-ġnien tal-iskola u fittex il-pjanti msemmija hawn isfel. Waqt il-lezzjoni, urihom dawn il-pjanti, u ħallihom jesploraw il-flora billi jxommu u jmissu. Tista' wkoll ġġib pjanti fil-klassi li jipproduċu żerriegħa jew frott jew inkella ġib ġabra ta' żrieragħ u frott biex jesplorawhom l-istudenti.



Ħarrub




Żagħrun



Deru




Kappar




Alaternu



Ċawsli




Xewk



Bajtar tax-Xewk



Żebbuġ

*Continued next page....*

Erasmus+


Żnuber


Ġarġir Isfar


Ħafur


Anżolar

**Diskussjoni ta' wara**

- Kemm sibtu pjanti li jħobbu l-għasafar madwar l-iskola jew li esplorajtu fil-klassi?
- Liema pjanti jistgħu jinżergħu fil-ġnien tal-iskola? Spjega lill-istudenti li pjanti differenti jkollhom bżonn kundizzjonijiet differenti fl-ambjent fejn jikbru.

(CK)

# NIDDISINJAW ŻONA FEJN JIEKLU L-GĦASAFAR FIL-ĠNIEN

**Linji gwida għall-għalliema:** Iddisinja ġnien bird-friendly għalik! Ħeġġeġ lill-istudenti tiegħek jiddeskrivu l-ġnien jew bitħa fid-dar tagħhom. X'jaħsbu li jfittxu għasafar u annimali oħra meta jżuru l-ġnien tagħhom? Issa ddiskuti mal-istudenti fejn jaħsbu li suppost jgħix għasfur bħal ngħidu aħna l-għasfur tal-bejt. X'kundizzjonijiet ikollu bżonn fl-ambjent fejn jgħix?

- L-opportunità fejn jistkenn
- Ħafna ikel fiż-żona
- Aċċess għall-ilma
- Sigurtà (bogħod minn nies u predaturi)

Wara dan kollu, stieden lill-istudenti biex jiddiskutu mal-ġenituri/kustodji tagħhom dwar ġnien ideali.  Għandhom iniżżlu punti dwar dak li jixtiequ jitfgħu fil-ġnien u għala.

1. Xi pjanti jdaħħlu fil-ġnien – pjanti li jipproduċu frott, pjanti dakkara popolari, siġar eċċ.
2. X'sors ta' ilma se tpoġġi fil-ġnien u għala? Jistgħu idaħħlu birdbath jew vaska li jiġbed lejha n-natura.
3. Iddaħħlu birdfeeder fil-ġnien?
4. Kif se jnaqqsu tfixkil u daqdiq mill-ġnien, biex b'hekk l-għasafar li jżuruh ma jkollhomx theddid min-nies jew predaturi (eż. qtates)?

## Għanijiet u mistoqsijiet

1. Hemm 5 arbuxxelli tad-deru, 8 arbuxelli tal-alaternu u 7 arbuxelli tal-anżolar. Poġġihom f'ringieli paralleli b'tali mod li kull ringiela jkollha l-istess ammont ta' arbuxxelli tal-istess speċi.  Kemm minn dawn l-arbuxxelli mhumiex se jidħlu fil-ġnien? Liema minnhom?
2. It-tfal iddeċidew li jiżirgħu siġar taċ-Ċipress tul il-ħajt li hu twil 10 metri.  Bejn siġra u oħra għandu jkun hemm 2 metri. Kemm-il siġra se jkollok bżonn?
3. Iddisinja ġnien li huwa bird-friendly:

   - Agħti l-qisien tiegħu
   - Agħżel varjetà ta' pjanti differenti.
   - Qassam il-pjanti fil-ġnien tiegħek.

# LOGĦBA GĦAL BARRA – DAR GĦAL GĦASFUR

**Post:** Post mdawwar b'ċint qrib l-iskola
**Numru ta' parteċipanti:** bejn 11 u 19-il ruħ
**X'hemm bżonn:** stikers jew cards bl-ismijiet tal-għasafar jew stampi

**Ir-regoli:** Aqsam il-parteċipanti f'familji ta' għasafar (mhux iktar minn 4 min-nies kull familja). Kull familja trid tagħżel card fejn ikun hemm miktub isem l-ispeċi tal-għasfur. L-għan jkun li kull familja trid issib l-aħjar dar (l-aħjar post fejn jgħixu) dawk l-għasafar.

**Il-post għandu jissodisfa dawn il-kriterji:**

- Jipprovdi kenn tajjeb
- Hemm ħafna ikel u xorb fiż-żona
- Hemm aċċess għall-ilma
- Sigur (kemm jista' jkun il-bogħod min-nies u predaturi)

Il-parteċipanti għandhom 10-15-il minuta biex jillestu l-attività'. Wara, kulħadd imur fejn l-għalliema li tiddikjara min kien l-aħjar. Il-grupp kollu jimxi minn dar għal oħra u jimmarkawhom skont ir-regoli.

Din hija opportunità tajba biex titkellem dwar kif speċi differenti ta' għasafar jużaw strateġiji differenti biex jgħixu.

Il-marka finali tingħata skont kemm id-"dar" li ntgħażlet kienet tajba skont l-għasfur magħżul.

Għat-tfal fil-Kinder nipproponu li tinqabeż il-parti fejn il-postijiet jintgħażlu skont il-kriterji.

# KIF TAGĦMEL BIRDFEEDER

F'din l-attivita', l-għalliema jridu jaħdmu mal-istudenti biex jikkreaw birdfeeder. Din tista' tkun fuq bażi individwali jew fi grupp jiddependi minn kemm hemm studenti u adulti fil-klassi.

Din l-attività tista' ssir ukoll id-dar bl-għajnuna tal-ġenituri/gwardjani.

## Għażla nru. 1

**Se jkollok bżonn:** kartuna kbira tal-ħalib (importanti li jkollha coating ġewwa u barra), tappijiet tal-flixken tal-plastik, stikek tal-injam, żebgħa non-toxic, wajer jew spaga.

**Għanijiet u mistoqsijiet:** Agħmel toqob fil-kartuna b'tali mod li mill-qiegħ ikun għad fadal fond ta' ftit ċentimetri. Taqqab toqba fuq quddiem tal-kartuna u għaddi stikka minnha, biex l-għasafar jkollhom fejn jistrieħu huma u jieklu. Fuq in-naħa ta' fuq tal-kartuna, lejn it-tarf, taqqab toqba oħra u għaddi wajer minnha u orbot.

**L-użu:** Dan il-birdfeeder jista' jintuża biex tqassam żrieragħ, qamħ u frott niexef.



(MK)



(MK)

## Għażla nru. 2

**Se jkollok bżonn:** kontenitur tal-plastik tal-jogurt (wiesa' u baxx), wajer jew spag, imqass.

**Għanijiet u mistoqsijiet:** Taqqab 3 toqbiet fuq in-naħa ta' fuq tal-kontenitur. Għaddi l-ispag jew wajer minnhom u orbot.

**L-użu:** Tista' timla l-birdfeeder bix-xaħam jew zrieragħ u ddendlu taħt it-saqaf.

## Għażla nru. 3

**Se jkollok bżonn:** flixkun kbir tal-ilma, waterproof marker, mqass, wajer jew spag.

**Għanijiet u mistoqsijiet:** fuq il-flixkun, immarka fejn se tagħmel il-fetħa għall-birdfeeder. Qabbel l-qies tal-fetħa mal-aktar għasfur komun fiż-żona tiegħek. Aqta l-fetħa b'imqass. Iftaħ it-tapp, geżwer l-ispag jew wajer mal-biċċa ta' fuq tal-flixkun u erġa agħlaq it-tapp. Orbot l-ispag jew wajer li fadal biex ikollok minn fejn iddendlu ma' xi zokk ta' siġra.

**L-użu:** Dan il-birdfeeder jista' jimtela' biċ-ċereali, żrieragħ u frott



(MK)

## Task

Għax ma tħeġġiġx lit-tfal jidderkoraw il-bird feeders tagħhom u toħloq forma ta' kompetizzjoni fejn it-tfal jivvotaw għall-aktar bird feeder li jaħsbu huwa l-aħjar? Ħallihom jesploraw il-birdfeeders billi jmissuhom u saqsihom jiġġudikaw jekk il-bird feeder għandu qies tajjeb u jekk hux sod biżżejjed għall-għasafar (ftakar, l-għasafar huma ħfief ħafna!)

# NIKKREAW "RISTORANT GĦALL-GĦASAFAR"

Ipprepara menu għal "restorant għall-għasafar". Studja l-ikel favorit tal-għasafar li osservajt qribek jew ta' dawk li jafu bihom l-istudenti. Uża l-infomazzjoni li hemm fuq **birdlifemalta.org/environmental-education/resources**.

**Ibda diskussjoni fil-klassi.** Aħseb dwar il-fatt li għasafar li joqgħodu f'pajjiż wieħed fix-xitwa ikollhom bżonn jieklu ikel differenti minn dawk li jtiru lejn reġjunijiet oħra fl-Ewropa jew l-Afrika jew l-Asja.

Ibda aħseb fuq liema ikel se tiġbor biex tipprepara l-ħażna biex ikollox x'titfa' fil-bird feeder.

| GĦASFUR | IKEL TAR-REBBIEGĦA U S-SAJF | IKEL TAL-ĦARIFA U X-XITWA |
|---|---|---|
| Għasfur tal-bejt | Żerriegħa, tut, jitma' d-dud lill-friegħ | |
| Bufula sewda | Frott, insetti | |
| Gamiema tal-kullar | Żerriegħa, ċereali bħal qamħirrun u qamħ, tut, partijiet ħodor ta' pjanti u invertebri | |
| Pitirross | | Insetti speċjalment il-ħanfus, żerriegħa, xaħam, frott, karawett, insetti, żbib u ġirasol. |
| Ħuttaf | Insetti li jtiru bħal dubbien u nemus | |
| Sturnell | | Brimb, baħrija, mazzarell, ġurati, dubbien, naħal, żunżan u nemel |
| Zakak Abjad | | Insetti bħal ħanfus, xagħat u baħrija, brimb u dud tal-ħamrija |

# MENU GĦAR-RISTORANT TAL-GĦASAFAR

**Linji gwida għall-għalliema:** Għal din l-attività tkun idea tajba jekk iġġib ikel differenti tal-għasafar fil-klassi. Eżempju, tista' tipprovdi ikel kif imsemmi hawn taħt u tħalli lit-tfal jesploraw dan l-ikel billi jmissu u jxommu.

Spjega l-importanza ta' dan l-ikel għall-għasafar, billi ssegwi l-informazzjoni bil-kaxxi tat-tabella. Fi grupp iddiskuti mat-tfal dwar liema ikel jittiekel mil-liema speċi ta' għasafar.

IMPORTANTI! L-IKEL KOLLU JISSERVA MINGĦAJR MELĦ, ZOKKOR JEW SUSTANZI ARTIFIĊJALI! GĦALA?

Iġbor pjanti li jittieklu mill-għasafar fix-xitwa u ġibhom fil-klassi. Użahom biex tagħmel ikel tax-xitwa għall-għasafar.

| | |
|---|---|
|  | **Żerriegħa tal-ġirasol** – tajjeb ħafna għall-gamiem tal-kullar. |
|  | **Kittien –** Il-vrieden jirnexxielhom jieklu dawn iż-żrieragħ. Għasafar oħra jaf jidraw jikluha wkoll. |
|   | **Żerriegħa taċ-ċereali –** qamħ, qamħirrun u ħafur għall-Vrieden għall-meta ma jsibux x'jieklu x'imkien ieħor fil-birdfeeder. Biex tgħinhom jiekluhom kisser iż-żerriegħa b'martell. Ħafur, xgħir u qamħ saraċin (buckwheat) tajbin ukoll. |
|  | **Frott -** bħal rummien u bajtar tax-xewk – kemm frott li jikber fis-siġar u dawk tal-arbuxelli li jitpoġġew fil-birdfeeders jittieklu minn Għasafar tal-Bejt, Bufula Sewda u l-Fjamma Sewda. |
|  | **Lewż –** jista' jingħata fil-qoxra (ġellewż, ġewż u karawett) jew mingħajr il-qoxra. Lewż mingħajr qoxra għandhom jitkissru ftit biex jiġu mittiekla minn kull tip ta' għasfur. |

(MK)

# X'IKEL HEMM STIVAT FIL-ĦAŻNA (PANTRY)?

**Linji Gwida għall-għalliema:** lista (bil-Braille) tal-ikel, uħud tajbin għall-għasafar u jingħataw lill-istudenti biex jaqrawhom. L-istudenti għandhom jgħajjtu l-kelma li tindika ikel tajjeb għall-għasafar.

Din tista' wkoll ssir f'għamla ta' kompetizzjoni, l-istudenti jirċievu punt għal kull tip ta' ikel li jidentifikaw, agħti punti bonus jekk jiftakru liema għasafar jogħġobhom dak l-ikel li semma.

Xi ħadd ħallat l-ikel tal-bnedmin u tal-għasafar fil-ħażna. Esplora l-lista tal-ikel fil-ħażna u identifika biss dawk li huma tajbin għall-għasafar!

Irbaħ punt għal kull ikel li ssib li hu tajjeb għall-għasafar!

# IPPREPARA IKEL TAL-GĦASAFAR

**Linji gwida għall-għalliema:** Fat balls huma sors tajjeb ta' enerġija għall-għasafar li jżuru l-ġnien. Faċli ħafna tippreparahom. Għal din l-attivita', l-għalliema għandha tqassam l-ingredjenti u tgħin lill-istudenti jagħmlu fat balls.

## X'se jkollok bżonn?

- prinjol b'biċċa spaga biex iddendel ma' zokk.
- aluminium foil
- skutella
- żerriegħa tal-ġirasol
- ċereali jew ħafur
- lewż mitħun
- xaħam

## Attvitatjiet u mistqosijiet

1 Iżen:
   a 3 scoops żerriegħa tal-ġirasol
   b 2 scoops ċereali jew ħafur
   c 1 measure lewż mitħun
   d 1 measure xaħam

2 Poġġi l-ingredjenti kollha fl-iskutella
3 Imla x-xquq tal-prinjol kemm tiflaħ bit-taħlita
4 Geżwer kull prinjola li ppreparajt f'aluminium foil
5 Poġġi il-prinjol fil-friġġ biex tibbies
6 Kif tista' tuża din l-ikla tajba mal-għasafar?

These materials for teachers working with blind and visually impaired children have been prepared within the project “Seeing the World Through Nature.” These are based on the educational resources that resulted from the project “Empowering Teachers and Pupils for a Better Life Through Nature,” and the suggestions contained therein have been adapted to work with children with impaired vision in order to enable them to learn as much as possible about nature through direct contact with it.

Non-governmental organisations involved in bird protection, partners in international federation BirdLife International, participated in the project. The Polish Society for the Protection of Birds (OTOP) was the leader of this educational initiative, which also involved the associations BirdWatch Ireland, BirdLife Malta and BirdLife Cyprus. The Polish Association for the Blind was the partner cooperating in the field of adaptation of source materials for the needs of teaching blind and visually impaired children.

Both projects were carried out with the financial support of the European Commission (Erasmus+ programme).


## AUTHORS:

**CONCEPT AND TEXT OF MATERIALS PREPARED WITHIN THE FRAMEWORK OF THE PROJECT, “EMPOWERING TEACHERS AND PUPILS FOR A BETTER LIFE THROUGH NATURE”:**
Iwona Majcher
Katarzyna Rosińska
Ryta Suska-Wróbel

**COVER DESIGN AND GRAPHICS ON THE COVER:**
Wiktor Tabak

**ILLUSTRATIONS:**
Juan Varela (JV)
Marek Kołodziejczyk (MK)

**PHOTOGRAPHS:**
A Davey (AD)
Bogdan Moczarski (BM)
Cezary Korkosz (CK)
Cóilín MacLochlainn (CM)
Iwona Majcher (IM)
Jadwiga Moczarska (JM)
Karolina Kalinowska (KK)
Łukasz Zdyb (ŁZ)
Natalia Kann (NK)
Pixabay (PX)
Richard T Mills (RM)


**BIRDWATCH IRELAND** is the largest independent conservation organisation in Ireland. A registered charity, its aim is the conservation of wild birds and their natural habitats. It has over 15,000 members and a network of 30 local branches. It manages nature reserves which protect threatened habitats and their wildlife, works to conserve Ireland’s biodiversity, and carries out education, survey and research work. For more information, go to www.birdwatchireland.ie